Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 154/2026**

**Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* tal-Kunsill Lokali tal-Għarb (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsillier, Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Qala
Kunsill Lokali Xewkija

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Kercem
Kunsill Lokali San Lawrenz
Kunsill Lokali Sannat
Kunsill Lokali Kerċem
Kunsill Lokali Għasri

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-President ippresjeda l-laqgħa.

**154.1 Talba.**

154.1.1 Il-laqgħa bdiet billi nqrat it-talba tal-bidu.

**154.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

154.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 153 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u, għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**154.3 Korrispondenza.**

154.3.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem dwar attivita' li tinvolvi t-telescopes li nxtraw mill-Kunsill Reġjonali Għawdex. Il-President issuġġerixxa li din il-korrispondenza tiġi diskussa meta jkun preżenti s-Sindku ta' Ta' Kerċem fil-laqgħa.

154.3.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-AUC International dwar l-organizzazzjoni ta' Summer Camp għat-tfal mill-Ukraina. Il-membri preżenti qablu li dan għandu jerġa jsir bħas-snin preċedenti.

154.3.3 Il-membri preżenti ġew informati permezz ta' ittra li r-Reġjun Għawdex reġa rebaħ premju (1st runner up) tal-Malta Waste Reduction Awards 2026. Ma' dan il-premju hemm marbuta għotja ta' €3,000 sabiex jintużaw għall-benefiċċju tal-ambjent. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li l-Maniġer tal-Koordinazzjoni tal-Iskart issuġġerixxa li jinxtraw *dog litter bins* b'dawn il-fondi u jitqassmu fil-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

154.3.4 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva korrispondenza mingħand il-GAGF (Gozo Action Group Foundation) dwar l-istatut tal-fondazzjoni. Huma talbu sabiex minflok li l-Kunsilli Lokali individwali jkunu mniżżlin fuq l-istatut ikun hemm il-Kunsill Reġjonali Għawdex. Is-Sur David Apap, Chairman tal-GAGF spjega dan f'aktar dettall. Hu qal li kollox jibqa' l-istess iżda jiġi aktar faċli għall-fondazzjoni fuq materji legali u amministrattivi. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

154.3.5 Ir-Regjun Għawdex irċieva l-istatistika dwar spezzjonijiet u taħrikiet mogħtija mingħand l-ERA. Dan dwar l-iskeda taż-żibel u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart. Matul l-ewwel kwart tas-sena (Jannar-Marzu 2026) kien hemm 63 spezzjonijiet u taħrika waħda.

**154.4 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements.**

154.4.1 Ġie ppreżentat ir-rapport tal-awdituri għas-sena 2025. Dawn kienu ċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-President ġibed l-attenzjoni li d-defiċit li kien hemm fis-sena preċedenti fit-*total comprehensive for the year* issa ġie surplus. Id-defiċit u surplus huma minħabba l-fondi li kienu dovuti mingħand il-PRO's.

154.4.2 Il-Financial Statements 2025 ġew approvati.

**154.5 <u>Talbiet għall-Għajnuna Finanzjarji.</u>**

154.5.1 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand Otters ASC għall-kollaborazzjoni f'żewġ attivitajiet sportivi. Dawn huma is-Spartacus TriSports Gozo fis-7 ta' Ġunju u l-Ottersfest fid-29 u 30 ta' Awwissu. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex approvaw is-somma totalli ta' €5,000 għal dawn iż-żewg avvenimenti sportivi.

**154.6 <u>Staff tal-Kunsill Reġjonali Għawdex.</u>**

154.6.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva ittra ta' riżenja mingħand l-Office Assistant, David Calleja. Hu rringrazzja lir-Reġjun tal-opportunita' u esperjenza li taħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hemm vojt ukoll tal-PR/Communications Officer (dan ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti). Fl-opinjoni tas-Segretarju Eżekuttiv m'hemmx bżonn ta' żewġ impjegati ġodda iżda hemm bżonn li jkun hemm persuna li jservi bħala Administrative Officer I u dan ikun jinkludi xogħol ta' Communications Officer. Dan is-suġġeriment ġie milqugħ.

154.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-performance bonuses (pro rata) ta' Dylan Attard u David Calleja 6% u 9% rispettivament. Dawn ġew approvati.

154.6.3 Il-Maniġer tal-Fondi Ewropej u Lokali, is-Sinjorina Nicole Buttigieg għamlet talba għall-Qualifications Allowance, peress li hi għamlet Masters. Din ġiet approvata. Is-Sinjorina Buttigieg ġiet mistiedna mid-DLG biex tattendi EUFEAST Project Launch & Regional Stakeholders Meeting. Din ser tkun finanzjata mill-LGD mill-fondi tal-INTERREG.

**154.7 <u>Problemi bis-separazzjoni tal-iskart.</u>**

154.7.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex għadu kif irċieva kont mingħand il-Wasteserv ta' kważi €57,000 u dan għal rejects tal-borża griża u ħġieġ matul is-sena 2025. Il-President talab li nistaqsu lill-Wasteserv hux possibbli li jgħidulna minn fejn qed ikun hemm l-aktar rejects (raħal).

154.7.2 Ġie diskuss il-bżonn li jsir aktar tagħrif dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart speċjalment x'jista' jintefa ġol-borża l-griża. Barra li jsir tagħrif fuq is-social media ġie ssuġġerit li jitqassmu flyers mar-residenzi kollha ta' Għawdex.

**154.8 <u>Materji Oħra.</u>**

154.8.1 Is-Sindku tal-Għarb, Is-Sur David Apap ġibed l-attenzjoni dwar bozoz li huma LEDs iżda mhux fuq is-sistema devoluti lill-Kunsill Reġjonali Għawdex. Fl-opinjoni tiegħu l-bozoz li huma LEDs għandhom ikunu kollha tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li meta saret id-devoluzzjoni tal-bozoz fit-2015, ġew devoluti l-bozoz (LEDs) li kien hemm sa dakinhar. Ir-Reġjun qed jirċievi €50,000 fis-sena għal manutenzjoni u servizzi ta' dawn il-bozoz. Dan l-ammont ma jkoprix l-ispejjeż għal dawn il-bozoz. Wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni li meta twaħħlu l-bozoz (LEDs) dawn kienu b'garanzija. Il-garanziji issa spiċċaw u r-Reġjun qed jonfoq eluf kbar biex jixtri bozoz meta dawn jinħarqu jew isirilhom ħsarat. Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet diversi talbiet lid-Direttur Ġenerali biex tiżdied l-allokazzjoni għal dan il-għan iżda s'issa

baqgħet bla risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li jekk ir-Reġjun jirċievi biżżejjed fondi ma jkunx problema għar-Reġjun biex jagħmel il-manutenzjoni fuq aktar bozoz, iżda fil-preżent mhux qed ikun kopert bil-fondi li qed jirċievi.

154.8.2 Il-President fakkar li l-Kunsilli Lokali għandhom allokazzjoni għas-street lighting mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Apap qal li dawk il-fondi jintużaw għall-brazzi ornamentali. Il-President issuġġerixxa li ssir laqgħa mad-Direttur Ġenerali flimkien mas-Sindki dwar dan.

154.8.3 Is-Sur Baskal Saliba, Sindku taż-Żebbuġ qal li l-Kunsilli ngħataw is-servizz tas-*street sweeper* mill-Ministeru għal Għawdex iżda qed jaffaċjaw problema bil-boroż li qed jitħallew fit-toroq mill-ħaddiema li jħaddmu s-*street sweeper*. Dawn il-boroz li huma kkolorati orange mhux qed jiġu miġbura mill-ħaddiema tal-Gvern (Sezzjoni Indafa Pubblika). Fil-passat il-Kunsilli kellhom servizz li jinġabru l-boroż ħodor wara li l-ħaddiema kienu jnaddfu t-toroq. Is-Sur Saliba staqsa jistax ir-Reġjun iħallas l-ispejjeż biex jinġabru dawn il-boroz minn kuntrattur privat. Is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob lid-Direttur tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex dawn il-boroż jiġu miġbura mingħandhom.

154.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li l-uffiċċju l-ġdid għandu jkun lest f'inqas minn xahrejn u għal dan il-għan hemm bżonn li nagħmlu *forwarding* tal-posta. Dan irid issir bl-applikazzjoni mal-Maltapost. Il-membri preżenti qablu li din l-applikazzjoni ssir.

154.8.5 Il-Viċi Sindku tan-Nadur, is-Sur Kevin Curmi qal li l-Kunsill Lokali tan-Nadur għandu talba mill-Kap tal-iskola Primarja tan-Nadur sabiex jitneħħew il-Bring-in Site Bins minn quddiem l-Iskola tan-Nadur. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi wkoll irċeviet din it-talba. Hi nformat lill-Kap tal-Iskola li l-Kunsill Reġjonali Għawdex m'għandux ir-responsabiltà' fuq it-tqegħid tal-bins, iżda li dawn tpoġġew hemm wara li l-Kunsill tan-Nadur kien ġab il-permess mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sur Curmi qal li biex jitneħħew minn hemm irrid jinstab post ieħor ċentrali u prattiku fejn dawn jistgħu jitpoġġew.

**154.9 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi ta' Pagamenti.</u>**

154.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 165 li kienet tammonta għal €190,214.62.

**154.10 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

154.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekutti |